

32004R0734

L 114/12

IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TA' L-UNJONI EWROPEA

21.4.2004

IR-REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (KE) Nru 734/2004**ta' l-20 ta' April 2004****li jistabbilixxi miżuri transitorji għall-applikazzjoni tar-Regolament (KE) Nru 2316/1999 f'dak li jirrigwardja iż-żona minima għall-applikazzjonijiet għall-ghajjnuna għas-sena tas-suq 2004/2005 minħabba l-ażżjoni ta' Malta ma' l-Unjoni Ewropea**

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea,

Wara li kkunsidrat it-Trattat of Adeżjoni tar-Repubblika Ċeka, l-Estonja, Ċipru, il-Latvja, il-Litwanja, l-Ungerija, Malta, il-Poland, l-Islovenja u l-Islovakkja, u partikolarment l-Artikolu 2(3) tiegħu,

Wara li kkunsidrat l-Att ta' l-Adeżjoni tar-Repubblika Ċeka, l-Estonja, Ċipru, il-Latvja, il-Litwanja, l-Ungerija, Malta, il-Poland, l-Islovenja u l-Islovakkja, u partikolarment l-ewwel paragrafu ta' l-Artikolu 41 tiegħu,

Billi:

- (1) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 2316/1999 tat-22 ta' Ottubru 1999 li jistabbilixxi regoli dettaljati għall-applikazzjoni tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1251/1999 li jistabbilixxi sistema ta' appoġġ għall-produtturi ta' ċerti wċuh tar-raba maħrut⁽¹⁾, jistabbilixxi il-kondizzjonijiet għall-għoti tal-pagamenti taż-żona. Partikolarment dan jeħtieġ daqs minimu ta' 0,3 ettari għal kull applikazzjoni għall-ghajjnuna.
- (2) Malta għandha numru kbir ta' rżieżet żgħar, ta' anqas minn 0,3 ettari fid-daqs. Sabiex ikun evitat li ħafna mill-bdiewa milli jkunu skwalifikati mill-iskema ta' l-

ghajjnuna, l-awtoritajiet Maltin għandhom ikollhom il-permess li jistabbilixxu għatba aktar baxxa għad-daqs minimu għas-sena tas-suq 2004/2005.

- (3) Il-miżuri li hemm provvediment dwarhom f'dan ir-Regolament huma konformi ma' l-opinjoni tal-Kumitat ta' Ġestjoni għaċ-ċereali,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

Bħala eċċezzjoni għall-Artikolu 3(1)(d) tar-Regolament (KE) Nru 2316/1999, Malta tista tistabbilixxi daqs minimu għall-applikazzjonijiet tal-pagamenti taż-żona, fanqas minn 0,3 ettari għas-sena tas-suq 2004/2005

Artikolu 2

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ suġġett għal, u fid-data tad-dħul fis-seħħ tat-Trattat ta' l-Adeżjoni tar-Repubblika Ċeka, l-Estonja, Ċipru, il-Latvja, il-Litwanja, l-Ungerija, Malta, tal-Polonja, l-Islovenja u l-Islovakkja.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u direttament applikabbli fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussel, fl-20 ta' April 2004.

Għall-Kummissjoni

Franz FISCHLER

Membri tal-Kummissjoni

⁽¹⁾ ĠU L 280, tat-30.10.1999, p. 43. Ir-Regolament kif l-aħħar emendat bir-Regolament (KE) Nru 206/2004 (ĠU L 34, tas-6.2.2004, p. 4)